MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 386/2007

**Mobi sle Communications Limited**
**(C 24655)**

**vs**

**Mark Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta` April, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u tletin lira, erbgha u tmenin centezmu (Lm135.84) rapprezentanti bilanc ta` prezz dovut in konnessjoni ma` client contract number 8474 fir-rigward ta` servizzi lilu rezi bejn ix-xhur ta` Lulju, 2006 u Dicembru, 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 27 ta` Frar, 2007 u ta` mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-1 ta` Gunju, 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenut fil-konfront tat-talba attrici kif dedotta f'dan l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' mija u hamsa u tletin lira, erbgha u tmenin centezmu (Lm135.84) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta` Frar, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------